DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/560

tal-21 ta' Marzu 2017

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Messiku fir-rigward tal-emendi għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett tal-prodotti oriġinarji u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ċerti regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Dikjarazzjoni Konġunta V [1] għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku [2], stabbilit permezz tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997 [3] ("il-Ftehim"), tistipula li l-Kumitat Konġunt KE-Messiku stabbilit bil-Ftehim għandu jirrieżamina l-ħtieġa li l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini mniżżla fin-Noti 2 u 3 tal-Appendiċi II(a) tal-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 ("Noti 2 u 3"), tiġi estiża lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2003. Dan ir-rieżami jikkonċerna r-regoli speċifiċi għall-prodott fl-Appendiċi II tal-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 għal ċerti prodotti kimiċi taħt l-intestaturi 2914 u 2915 tas-Sistema Armonizzata.

(2) Fis-17 ta' Settembru 2010, il-Kumitat Konġunt UE-Messiku adotta d-Deċiżjoni Nru 1/2010 [4], li estendiet l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini stabbiliti f'in-Noti 2 u 3 għat-tielet darba. Id-Deċiżjoni Nru 1/2010 applikat sat-30 ta' Ġunju 2014.

(3) Huwa xieraq li tiġi estiża l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini stabbiliti fin-Noti 2 u 3 fuq bażi temporanja b'effett mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019, b'konformità mal-prinċipji tal-immodernizzar tal-Ftehim, biex tiġi żgurata l-kontinwità mar-regoli speċifiċi għall-prodott fil-futur.

(4) Billi l-estensjoni tal-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini stabbiliti fin-Noti 2 u 3 skadiet fit-30 ta' Ġunju 2014, huwa xieraq li l-estensjoni l-ġdida tiġi applikata b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2014, sabiex ikun evitat tfixkil fil-kundizzjonijiet ekonomiċi eżistenti.

(5) L-Appendiċi II għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 għandu għalhekk jiġi emendat sabiex l-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini stabbiliti fin-Noti 2 u 3 tiġi estiża fuq bażi temporanja mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.

(6) Għall-finijiet tal-applikazzjoni retroattiva, il-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini permezz ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew ta' dikjarazzjoni fuq fattura għandu jiġi estiż minn sentejn għal tliet snin għall-prodotti kimiċi rilevanti importati fl-Unjoni fil-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2014 u t-30 ta' Ġunju 2015.

(7) L-Appendiċi V għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 għandu għalhekk jiġi sostitwit.

(8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Messiku għandha għalhekk tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni mehmuż,

---

[1] ĠU L 245, 29.9.2000, p. 1167.
[2] Id-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kumitat Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 (ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10).
[3] ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.
[4] Id-Deċiżjoni Nru 1/2010 tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku tas-17 ta' Settembru 2010 relatata mal-Anness III tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt bejn l-UE u l-Messiku Nru 2/2000 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti ta' oriġini u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L 277, 21.10.2010, p. 30).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt UE-Messiku fir-rigward tal-emendi għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt UE-Messiku jistgħu jaqblu dwar tibdil minuri fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku msemmi fil-paragrafu 1 mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt UE-Messiku fir-rigward tal-emendi għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SCICLUNA

ABBOZZ

ID-DEĊIŻJONI Nru 1/2017 TAL-KUMITAT KONĠUNT UE-MESSIKU

tal-…

fir-rigward tal-emendi għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 li jikkonċernaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinarji u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ċerti regoli tal-oriġini speċifiċi għall-prodott)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 2/2000 tal-Kunsill Konġunt KE-Messiku tat-23 ta' Marzu 2000 ([1]), u l-Anness III tagħha, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tal-Anness III,

Billi:

(1) L-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 ("Anness III") jistabbilixxi r-regoli ta' orġini għall-prodotti li joriġinaw fit-territorju tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Istati Uniti Messikani, min-naħa l-oħra, iffirmat fi Brussell fit-8 ta' Diċembru 1997 ([2]) ("il-Ftehim").

(2) Ir-regoli ta' oriġini speċifiċi għall-prodott stabbiliti fl-Appendiċi II tal-Anness III għall-prodotti kklassifikati taħt l-intestaturi 2914 u 2915 tas-Sistema Armonizzata, għandhom jiġu emendati biex jippermettu l-applikazzjoni temporanja mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019 tar-regoli ta' oriġini speċifiċi għall-prodott stabbiliti fin-Noti 2 u 3 tal-Appendiċi II(a) tal-Anness III u għandhom jiġu aġġornati biex tkun tista' tiġi stabbilita regola ta' oriġini speċifika għall-prodott, modernizzata u konformi mal-ftehimiet kummerċjali reċenti. Huwa xieraq li tiġi applikata l-estensjoni l-ġdida b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2014, sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kundizzjonijiet ekonomiċi eżistenti.

(3) L-Appendiċi V tal-Anness III jistabbilixxi l-limitu taż-żmien li fih kull Parti tista' taċċetta ċertifikat ta' moviment EUR.1 maħruġ b'mod retrospettiv kif imsemmi fl-Artikolu 17(3) tal-Anness III, jew li fih l-esportatur jista' jippreżenta dikjarazzjoni fuq fattura lill-awtorità doganali tal-Parti li timporta wara l-esportazzjoni tal-prodotti kif previst fl-Artikolu 20(6) tal-Anness III.

(4) Għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi 2914 u 2915 tas-Sistema Armonizzata li jiġu importati fl-UE matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015, il-perjodu ta' preżentazzjoni għandu jiġi estiż għal tliet snin biex iqis l-emendi retroattivi tar-regoli ta' oriġini speċifiċi għall-prodott fir-rigward ta' dawk il-prodotti.

(5) It-titolu tal-Appendiċi V għall-Anness III għandu jiġi emendat biex jiġi allinjat mal-limitu ta' żmien biex jiġu aċċetti ċertifikati ta' moviment EUR.1 mibdul u biex jiġi allinjat mal-Artikolu 17(3) u mal-Artikolu 20(6) tal-Anness III.

(6) Għaldaqstant, l-Anness III għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Appendiċi II tal-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Appendiċi V tal-Anness III tad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa sostitwit kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 157, 30.6.2000, p. 10.
([2]) ĠU L 276, 28.10.2000, p. 45.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-45 jum wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika b'effett mill-1 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi …,

Għall-Kumitat Konġunt

ANNESS I

L-Appendiċi II għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa emendat kif ġej:

1. qed tiddaħħal l-entrata li ġejja:

"Intestatura SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji li jikkonferixxi l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
ex 2914 (*)	— Alkoħol diaċeton — Metil isubutil keton — Mesitil ossidu	Manifattura mill-aċeton	Manifattura li fiha sseħħ reazzjoni kimika (**)

(*) Applikabbli mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.
(**) "Reazzjoni kimika" hija proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bit-tibdil fl-arranġament spazjali tal-atomi f'molekula.
Il-proċessi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu għal finijiet ta' oriġini:
(a) taħlil fl-ilma jew solventi oħra;
(b) l-eliminazzjoni ta' solventi inkluż ilma solventi; jew
(c) iż-żieda jew l-eliminazzjoni ta' ilma tal-kristallizzazzjoni.";

2. l-entrata għall-intestatura 2915 tas-SA qed tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Intestatura SA	Deskrizzjoni tal-prodott	Xogħol jew ipproċessar imwettaq fuq materjali mhux oriġinarji li jikkonferixxi l-istatus tal-oriġini	
(1)	(2)	(3) jew (4)	
2915 (*)	Aċti aċikliċi monokarboksiliċi saturati u l-anidridi tagħhom, alidi, perossidi u peroksi aċti; id-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom, ħlief għal:	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha tal-intestaturi 2915 u 2916 użati ma jistax jaqbeż 20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura li fiha l-valur tal-materjal kollu użat ma jaqbiżx 40 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott
	— Anidride aċetiku, etil u aċetat n-butiliku, aċetat viniliku, aċetat isopropil u metilamil, aċti mono-, di- jew trikloroaċetiċi, il-melħ u l-esteri tagħhom	Manifattura minn materjali ta' kwalunkwe intestatura. Madankollu, il-valur tal-materjali kollha tal-intestatura 2916 użati ma jistax jaqbeż 20 % tal-prezz mill-fabbrika tal-prodott	Manifattura li fiha sseħħ reazzjoni kimika (**)

(*) Applikabbli mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2019.
(**) "Reazzjoni kimika" hija proċess (inkluż proċess bijokimiku) li jirriżulta f'molekula bi struttura ġdida bit-tkissir ta' rabtiet intramolekulari u bl-iffurmar ta' rabtiet intramolekulari ġodda, jew bit-tibdil fl-arranġament spazjali tal-atomi f'molekula.
Il-proċessi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu għal finijiet ta' oriġini:
(a) taħlil fl-ilma jew solventi oħra;
(b) l-eliminazzjoni ta' solventi inkluż ilma solventi; jew
(c) iż-żieda jew l-eliminazzjoni ta' ilma tal-kristallizzazzjoni.".

ANNESS II

L-Appendiċi V għall-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 2/2000 huwa sostitwit kif ġej:

"Appendiċi V

IL-PERJODU TA' ŻMIEN LI MATULU L-AWTORITÀ DOGANALI TAĊĊETTA ĊERTIFIKAT TA' MOVIMENT EUR.1 MAĦRUĠ B'MOD RETROSPETTIV B'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 17(3) TAL-ANNESS III U GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA' DIKJARAZZJONI FUQ FATTURA B'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 20(6) TAL-ANNESS III

1. Għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni Ewropea: Il-perjodu ta' żmien huwa ta' sentejn miż-żmien meta jiġu importati l-prodotti li magħhom huwa marbut iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1. Għall-prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura ex 2914 u 2915 tas-SA kif stabbilit fl-Appendiċi II, li daħlu fl-Unjoni Ewropea bejn l-1 ta' Lulju 2014 u t-30 ta' Ġunju 2015, il-perjodu ta' żmien huwa ta' tliet snin miż-żmien meta jiġu importati l-prodotti li magħhom huwa marbut iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

2. Għall-importazzjonijiet lejn il-Messiku: Il-perjodu ta' żmien huwa ta' sena miż-żmien meta jiġu importati l-prodotti li magħhom huwa marbut iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.".